**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA’ NHAR IT-TNEJN, 16 TA' LULJU, 2001**

*Avviz. Nru 285/01 AJD*

Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Raymond Grixti sija bil-polza u sija bil-ligi

vs

Andrew Grech

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' April, 2001, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u erbgha u disghin liri u sbatax il-centezmu (Lm194.17) jew ammont verjuri rappresentanti danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-incident awtomobilistiku tas-17 ta' Frar, 2000, fi Triq il-Kapuccini, San Gwann, bejn il-karozza numru DAH 865 misjuqa mill-konvenut u propjeta' ta' Manwel Grech u l-karozza numru DAC 769 misjuqa minn u propjeta' tal-assikurat Raymond Grixti liema incident sehh b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment kontra s-socjeta' assikuratrici tal-konvenut, u bl-imghax kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Mark Asciak, rapprezentant tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici, u ta' Raymond Griscti l-assikurat tas-socjeta' attrici li xehed dwar id-dinamika tal-incident awtomobilistiku li jifforma l-mertu tal-kawza. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ikkunsidra:

1. Illi mill-provi prodotti jirrizulta ampjament li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku tas-17 ta' Frar, 2000, meta huwa hareg minn 'parking space' u baqa' diehel fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAC 769 misjuqa minn Raymond Griscti l-assikurat tas-socjeta' attrici li kien assikurat taht polza 'comprehensive' mal-istess socjeta' attrici.

2. Illi d-danni sofferti mis-socjeta' attrici bhala konsegwenza ta' dan l-incident awtomobilistiku jammontaw ghal mija u erbgha u disghin liri Maltin u sbatax il-centezmu (Lm194.17) kif jirrizulta mid-dokumenti esibiti fis-seduta tas-27 ta' Gunju, 2001, u mmarkati Dok. MA2 sa Dok. MA6.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u erbgha u disghin liri u sbatax il-centezmu (Lm194.17) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz kontra s-socjeta' assikuratrici tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR